# ITTRA
# PASTORALI


**MILL-E.T. MONS. CHARLES J. SCICLUNA**
**Arċisqof ta' Malta**

**L-E.T. MONS. ANTON TEUMA**
**Isqof ta' Għawdex**

**u**

**L-E.T. MONS. JOSEPH GALEA-CURMI**
**Isqof Awżiljarju ta' Malta**


**RANDAN 2022**


**www.knisja.mt**

# NILQGĦU FOSTNA L-GĦANNEJ TAL-ĦNIENA

## Fil-bidu tal-fidi tagħna hemm il-ħniena

"Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard" (Atti 28:1-2).

Kull darba li naqraw dawn il-versi minn kapitlu 28 mill-Atti tal-Appostli u nisimgħu l-isem ta' Malta, inħossu bħal dehxa ma' ġisimna kollu u bħal sħana tilħaq lil qalbna. Dan mhux biss għax isem pajjiżna hu mniżżel fl-Iskrittura Mqaddsa, imma wkoll għax inġeddu l-memorja sabiħa tal-laqgħa li missirijietna taw lil Pawlu u lil sħabu li kienu fid-diffikultà, laqgħa tant sabiħa li baqgħet immarkata fil-qalb ta' Luqa, l-awtur tar-rakkont ta' din il-ġrajja.

"Ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha". Luqa juża l-kelma *filantropija* – ħbiberija mal-bnedmin. Wara t-tliet xhur li Pawlu dam fi gżiritna, din il-ħlewwa tal-laqgħa tal-bidu kompliet tikber tant li Luqa jagħlaq il-qagħda tagħhom f'Malta billi jgħid: "Urewna ġieħ kbir, u meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kulma konna neħtieġu" (Atti 28:10).

## Il-ħniena ta' Alla hi akbar mid-dnubiet tagħna

Matul iż-żmien li fih Pawlu u Luqa kienu fostna, għarrfuna lil Alla l-veru u kif dan wera ruħu f'Ġesù ta' Nazaret. Urewna kif "Alla tagħna hu għani fil-ħniena" (Efes 2:4), u qalulna li din il-ħniena tiegħu għalina hija profonda aktar mill-imħabba ta' bejn żewġ namrati u fidila wisq aktar mill-imħabba ta' bejn omm u iben jew bint: "Imqar jekk mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha…jien ma ninsiek qatt*"* (Iż 49:15).

Din l-imħabba mimlija ħniena ta' Alla dehret fil-milja tagħha fil-persuna ta' Ġesù. Kontra d-drawwiet ta' żmienu, Ġesù jieqaf jitkellem ma' mara, midinba u Samaritana, u jwegħedha l-ilma li jaqta' l-għatx (ara Ġw 4:7-15). Jidħol fid-djar ta' midinbin pubbliċi u mistmerra bħalma kienu Mattew u Żakkew, u joqgħod magħhom għall-ikel (ara Mt 9:10; Lq 19:6). Joqrob lejn il-lebbrużi li kulħadd kien jitbiegħed minnhom għax imniġġsin, imisshom u jfejjaqhom (ara Lq 5:13). Jiltaqa' u jieqaf jitkellem ma' dawk li kellhom spirtu ħażin u jeħlishom (ara Mk 1:21-28; Lq 4:31-37). Jagħti mill-ġdid id-dinjità lil mara adultera u jeħlisha mill-mewt (ara Ġw 8:1-11). Ġesù jiġi merfugħ fl-għoli fuq is-salib, bħala wirja u karba mimlija ħniena tal-Missier fuq id-dinja (ara Lq 23:35).

Mela l-ħniena ta' Alla tisboq bil-wisq anki l-ogħla mħabba tal-bnedmin, kemm fil-wisa' u kemm fit-tul, kemm fl-għoli u kemm fil-fond (ara Efes 3:18). Hija ħniena li tilħaq lil kulħadd, saħansitra lil dawk li sallbuh (ara Lq 23:34). Hija ħniena li ma taqta' qatt, tant li tibqa' tfittex in-nagħġa l-mitlufa sa ma ssibha (ara Lq 15:4). Hija ħniena estrema li tasal li tmut għal min tħobb (ara Ġw 15:13).

**Il-ħniena ta' Alla tistedinna nħennu għal xulxin**

San Pawl għallimna li Alla jħossu fl-aqwa tiegħu meta aħna nduqu ftit minn din il-ħniena. Hu jħossu tassew Missier meta aħna nħossuna wlied maħfura. L-esperjenza awtentika tal-ħniena u tal-maħfra tfakkarna li Alla hu Missier u fl-istess waqt iġġeddidna fl-identità tagħna bħala wlied maħbuba u maħfura tiegħu.

Kif inkunu nafu li qegħdin nagħmlu esperjenza ta' din il-ħniena ta' Alla għalina? Meta aħna nikbru fis-sens ta' radd il-ħajr lil Alla u fit-tħaddim tal-ħniena lejn xulxin. Aktar ma nħallu lil Alla jagħmel ħniena magħna (ara 2 Kor 5:20), aktar inħossuna fil-paċi u nikbru fil-ħniena lejn xulxin. L-esperjenza sħiħa tal-ħniena ta' Alla nkunu ngħixuha tassew meta l-maħfra u l-ħniena li nirċievu mingħandu nkomplu ngħadduhom lil xulxin fir-relazzjonijiet ta' bejnietna fil-ġrajjiet ta' kuljum: "Aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll" (Kol 3:13).

Ma nkunux għamilna esperjenza sħiħa tal-ħniena ta' Alla jekk naħsbu li din tagħtina l-permess li nagħmlu li rridu, kemm fil-konfront ta' Alla u ta' xulxin. Jekk nifhmu tassew li Alla jħobbna, żgur li nsibuha bi tqila biex noffenduh; u meta noffenduh, jisgħobbina tassew.

Jekk ngħixu fil-ħniena ta' Alla, inkunu aktar attenti biex nuru ħniena ma' xulxin. Il-bnedmin l-oħra, minflok kompetituri, inqisuhom aktar bħala ħutna u alleati tagħna. Il-ħajja fil-ġuf inqisuha aktar bħala rigal prezzjuż tal-Ħallieq, u mhux bħala xkiel. L-anzjani tagħna nqisuhom bħala benefatturi u eżempju ta' ħajja, u mhux bħala toqol. Il-migranti li jiġu fi xtutna nqisuhom aktar bħala ħutna fil-bżonn u fl-istess waqt riżorsa, u mhux barranin li qed jeħdulna xogħolna. Il-ħolqien ta' madwarna nqisuh bħala d-dar ta' kulħadd li rridu nieħdu ħsiebha b'responsabbiltà, u mhux proprjetà tal-ftit li tiġi sfruttata għall-qligħ ta' flus. Il-professjoni titqies bħala vokazzjoni u servizz, u mhux sinjal ta' prestiġju u mezz ta' lukru. It-tmexxija titqies bħala ministeru u qadi, u mhux okkażjoni ta' sfruttament u korruzzjoni.

L-esperjenza tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni ddaħħalna dejjem iżjed fil-misteru tal-imħabba mimlija ħniena ta' Alla. Kif bħala bnedmin bejnietna spiss inħossu l-ħtieġa li l-oħrajn juruna li jħobbuna bil-kliem jew bil-ġesti, hekk ukoll inħossu l-bżonn tal-konferma tal-imħabba mimlija ħniena ta' Alla lejna, speċjalment fil-qrar. U kif kull darba li nħossuna maħbubin mill-oħrajn, bħal jiġġedded fina l-entużjażmu tal-ħajja, hekk ukoll kull darba li nqerru, Alla jerġa' jwellidna fil-maħfra u jfawwarna bl-Ispirtu tal-ħniena tiegħu.

**Nilqgħu fostna l-'għannej tal-ħniena ta' Alla'**

Il-miġja fostna tal-Missier tagħna l-Papa Franġisku fit-2 u 3 ta' April li ġejjin hija minnha nfisha ġrajja ta' ħniena ta' Alla għalina lkoll. Imqanqal mill-imħabba mimlija ħniena li għandu għalina l-Maltin u l-Għawdxin, il-Papa jixtieq jiltaqa' magħna wiċċ imb wiċċ u jwasslilna l-kelma tiegħu.

Fit-tagħlim tiegħu l-Papa Franġisku spiss jinqeda b'diversi xbihat biex jgħinna nidħlu fil-profondità tal-ħniena ta' Alla. Bir-raġun nistgħu nsejħulu l-'għannej tal-ħniena ta' Alla' fi żminijietna.

Il-Papa Franġisku jistqarr li "l-isem ta' Alla huwa Ħniena" (ara *Udjenza ġenerali*, 13 ta' Jannar 2016), u dan l-isem intwera fl-aqwa tiegħu f'Ġesù fuq is-salib. Alla għandu mod tiegħu waħdu kif iħares: hu jħares biss biex iħobb u jagħżel. Jekk aħna rridu nkunu wlied il-Missier u aħwa veri ta' Ġesù, irid ikollna ħniena ma' xulxin. Hekk il-komunità tad-dixxipli ta' Ġesù ssir tixbah lil "dar tal-ħniena" (ara *Misercordia et misera*, 1) u lil "sptar tal-battalja li jilqa' fih lil kulħadd" (ara *Evangelii gaudium*, 20-24).

Mimli bil-ħniena ta' Alla, il-Papa għandu mħabba partikulari lejn il-foqra, il-migranti, il-batuti u dawk kollha li huma 'mormija' mis-soċjetà. Jixtieq li l-Knisja tgħix b'aktar awtentiċità l-opri tal-ħniena li Ġesù għex u xandar fil-Vanġelu.

### Inħejju ruħna għaż-żjara tal-Papa

Issa li ser nibdew ir-Randan, għandna opportunità tad-deheb biex inħejju b'mod spiritwali għaż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku fostna. Iż-żmien tar-Randan huwa l-aktar adattat biex nieqfu nirriflettu dwar il-ħniena infinita li Alla għandu għalina, u dwar kif nikbru fil-ħniena lejn xulxin, speċjalment lejn l-imwarrab u l-batut.

Elfejn sena ilu l-miġja ta' Pawlu welldet lil missirijietna u lilna fil-fidi. Jalla l-miġja tal-Papa Franġisku f'April li ġej iġġedded lilna u lil uliedna fil-ħniena. Imqanqlin minn sens kbir ta' umanità, missirijietna laqgħu lil Pawlu u lil sħabu "bi ħlewwa liema bħalha". Imħeġġin mill-imħabba u r-rispett lejn il-Missier tagħna l-Papa, ejjew nagħmlu l-ħila kollha tagħna biex nilqgħuh fostna bil-ferħ u nistennew bil-ħerqa l-messaġġ li għandu għalina, ħa nkunu aħna wkoll parti minn din ir-"rivoluzzjoni tal-ħlewwa" (EG, 88).

Il-Verġni Marija, Omm tal-ħniena, li mxiet qabilna l-mixja tal-fidi, tidħol għalina quddiem Binha biex iż-żjara tal-Papa fostna tkabbarna fl-imħabba lejn Alla u lejn ħutna l-bnedmin, l-aktar dawk fil-bżonn.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna.

Illum, 22 ta' Frar 2022, festa tal-Kattedra tal-Appostlu San Pietru.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

✠ **Anton Teuma**
Isqof ta' Għawdex

✠ **Joseph Galea-Curmi**
Isqof Awżiljarju ta' Malta